MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 842/1999/1

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Vs**

**Godwin Mifsud u b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Gunju 2000 giet kjamata in kawza Maria Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u ghoxrin lira maltija u sitta u sittin centezmu (Lm520.66) dovuti mill-konvenut lilha kwantu ghas-somma ta' Lm409.75 ghal ilma li nstab mhux registrat fi Triq il-Mensija, San Gwann fit-13 ta' Frar, 1995 u fix-xhur ta' qabel, u kwantu ghas-somma ta' Lm110.91 bhala rimborz

ta’ l-ispejjez ta’ l-ispezzjoni li saret mill-Korporazzjoni attrici fl-istess fond u fl-istess data.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 t’April, 1998 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament il-gudizzju m’huwiex integru, stante illi tali kawza tispetta lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn Godwin Mifsud u martu, rappresentanza ta’ liema komunjoni hija vestita konguntement fil-konjugi Mifsud u mhux fl-eccipjent wahdu.
2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju l-eccipjent mhux responsalbli ghall-konsum ta’ l-ilma u spejjez imsemmija fic-citazzjoni, peress illi la talab is-servizz huwa u lanqas utilizza l-istess servizz.

Rat id-digriet taghha moghti ‘seduta stante’ fil-5 ta’ Gunju 2000 (fol 11 tal-atti) u li bih giet kjamata in kawza, mart il-istess konvenut Maria Zammit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess kjamata in kawza (fol 22 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici ma jistghux jigu akkolti fil-konfront tal-kjamata in kawza stante li huma ghal kollox privi minn kull fondament legali u fattwali;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jigi eccepit li l-kawzali huma ta’ natura delittwali u kwindi ghalhekk il-kjamata in kawza qatt ma tista tigi ritenuta responsabbli semplicement fuq premessa tal-komunjoni tal-akkwisti;
3. Illi fit-tielet lok tigi eccepita n-nuqqas ta’ indikazzjoni fattwali u specifika tal-fond fejn sehh l-allegat serq;
4. Illi fi kwalunkwe kaz jigi eccepit ulterjorment illi ma tezisti ebda komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza stante li din giet xolta u terminata in forza ta’ kuntratt pubbliku ta’ separazzjoni atti Nutar Dottor John P. Hayman datat 4 ta’ Settembru 1999;

5. Illi fi kwalunkwe kaz jigi eccepit ukoll li l-konvenut kien assuma wahdu kull dejn gravanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti gia ezistenti bejnu u bejn il-kjamata in kawza in forza tal-precitat kuntratt pubbliku;
6. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri mal-izvolgiment ta’ dawn il-proceduri jekk ikun opportun.

Bl-ispejjes kontra l-kontendenti l-ohra f’dawn il-proceduri gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata permezz tad-digriet imsemmi moghti fil-5 ta’ Gunju 2000 u li bih giet kjamata in kawza, mart il-konvenut, Maria Zammit.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess kjamata in kawza, hu minnu li t-talba in esami tista’ tigi definita bhala ‘… ta’ natura delittwali’ mill-lat civili. Pero hu minnu certament illi, jekk dan hu l-kaz, l-ammont mitlub fl-avviz, jekk akkolt ghandu jigi konsiderat, b’mod evidenti, bhala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti li tista’ tkun vigenti bejn il-konvenut u l-istess martu. Dwar dan, hu minnu illi l-istess komunjoni setghet giet xolta permezz tal-att publiku ta’ separazzjoni legali publikat fl-4 ta’ Settembru 1999. Pero dwar dan l-punt, ma ngiebet ebda prova u ghalhekk ma setghetx tigi konsiderata r-raba (4) eccezzjoni sollevata mill-kjamata in kawza.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-meritu, hu minnu li, kif risultanti mad-dokument a fol 36 tal-atti, gie deciz li ma jittiehdux proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut u dan a basi tal-konkluzzjonijiet l-inkjesta li kienet saret mill-Magistrat Inkwirenti fis-sens li ‘…. Ma jirrisultax illi fil-fatt sar xi serq ta’ ilma ghad-danni tal-Korporazzjoni ….’ Pero tali konklusjoni trid tigi

konsiderata fid-dawl ta' dak stipulat fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossija tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, kemm il-konvenut kemm il-kjamata in kawza ma' resqu ebda prova in sostenn ta' dak eccepit minnhom dwar il-meritu.

Ikkunsidrat

Illi l-Korporazzjoni attrici, resqet da parti taghha, is-segwenti provi:-

a) Emanuel Cumbo (fol 26 u fol 28 et seq ibid) kien ghamel l-istima in rigward l-ammont pretiz fl-avviz u li jirreferi ghal post li kien ghadu qed jinbena' f'Triq il-Mensija, San Gwann.  L-istess stima (fol 28 ibid) tiggustifika l-ammont pretiz fl-avviz billi dan gie maqsum f'(i) Prezz ta' ilma fis-somma ta' Lm401.50 (ii) spisa in rigward 'meter' tal-ilma ammontanti ghal Lm8.25 u (iii) spiza tal-ispezzjoni ammontanti ghal Lm110.91 (ara ukoll ir-rapport tal-istess ispezzjoni a fol 31 ibid u r-ritratti in fotokopja a fol 32 ibid kollha esebiti minn Joseph Gauci).
b) Joseph Gauci (fol 29 sa fol 32 ibid) kien ippartecipa fl-imsemmija ispezzjoni fil-post imsemmi, ghadu taht kostruzzjoni u kien sab illi "… kien hemm 'pipe' tal-'plastic' ikkomunikat mal-'main' tal-ilma specifikatament mal-'istop cock' tal-'main' …." Minghajr, pero', ma kien hemm il-'meter' relattiv sabiex jigi registrat il-konsum attwali ta' ilma.  Dwar dan, kien hemm prezenti l-konvenut u dan kien spjega lix-xhud illi hu kien il-propjetarju tal-post in kwistjoni '…. u ghalhekk xtaq li jidhol responsabbli ghal kollox' (ara ukoll id-dokument gja indikat a fol 31 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi minn dawn il-provi jirrisulta illi, filfatt, kien qed jsir konsum ta' ilma mill-'main' minghajr ma' tali konsum jigi regisrat fuq 'meter' tal-ilma.

Illi, inoltre u in rigward l-istima li saret ta' ilma tax-xorb, konstmat izda mhux registrat, il-Qorti ser taccetta dak l-ammont stmat skond id-dokument a fol 28 tal-atti u dan a basi ta' rata ta' metru kubu ta' ilma kulljum (1m3/day) ghall-perjodu ta' 365 jum u dan fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja da parti tal-konvenut. L-istess ghandu jinghad dwar l-ammont mitlub in rigward spiza ta' 'meter' tal-ilma.

Illi, pero, il-Qorti kienet tistenna da parti tal-Korporazzjoni attrici illi din tiggustifika l-ammont pretiz bhala 'cost of inspection' ammontanti ghal Lm110. Ghalhekk l-istess Qorti ma hiex ser takkolji t-talba kif dedotta fl-istess avviz vis-à-vis l-ispiza ta' din l-ispezzjoni.

Illi fl-ahhar nett, ma giex kontestat illi l-konvenut kien accetta r-responsabilta ghal dak premess u kif risultanti mill-provi li ngiebu a konjizzjoni tal-istess Qorti.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici qed tigi akkolta 'in parte' billi l-konvenut, wahdu, ser jigi kundannat li jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma globali ta' Lm409.75,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' 'in parte' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma globali ta' Lm409.75,0 bl-imghax legali mit-30 ta' April 1998 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April 1998 kif ukoll dawk relattivi ghall-kjamata in kawza ta' Maria Zammit maghmula bhala konsegwenza tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-istess konvenut dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal erbgha minn hamsa (4/5) mill-konvenut u kwantu ghal wiehed minn hamsa (1/5) mill-Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------